MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru 468/2013

Il-Pulizija

(Spettur Josric Mifsud)

vs

**Mario Xuereb**

iben Manuel, imwieled Rabat, fit-18 ta' Gunju, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 19882(G)

Illum, 3 ta' Ottubru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mario Xuereb quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex):

Talli nhar is-27 ta' Ottubru 2008 u f'dawn l-ahhar tlett xhur qabel din id-data, ir-Rabat, kif ukoll gewwa Kercem u partijiet ohra ta' dawn il-Gzejjer:-

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dana bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u il-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha, u dan bi ksur ta'
l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghal uzu esklussiv tieghu;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkoltiva l-pjanta Cannabis u dan bi ksur ta'
l-artikolu 8(c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta’ Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat
l-Artikoli 8(c)(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, sabitu hati tal-kumplament u ikkundannatu ghal piena ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' €500.

Rat ir-rikors tal-appellant Mario Xuereb tal-21 ta’ Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gudikatura Kriminali tas-sbatax (17) ta' Ottubru 2013 u b'liema sentenza l-esponenti gie liberat mit-tieni akkuza u nstab hati tal-ewwel u tat-tielet akkuzi dedotti kontra tieghu u tirriformha in kwantu gie kkundannat ghall-perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija u minflok tapplika l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 u tnaqqas il-piena karkerarja bi grad wiehed jew tnejn b'rakkomandazzjoni illi l-imputat jibda jsegwi programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u b'hekk tinfliggi piena li tkun taghmel aktar ghal kaz presenti.

Illi l-aggravvju hu limitat biss ghall-piena li giet inflitta fis-sens li ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nfliggiet il-piena fil-minimu taghha u cioe' piena ta' sitt (6) xhur prigunerja, l-istess Onorabbli Qorti pero' kellha tapplika l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi mill-provi tal-prosekuzzjoni hareg b'mod car illi l-imputat ghen fl-investigazzjoni tal-Pulizija u li ma kinitx

ghall-kollaborazzjoni tieghu z-zewg pjanti tal-cannabis ma kinux jinstabu. Nonostante dan, il-Qorti m'ghamlitx referenza ghall-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konsiderazzjoni tal-piena li nfliggiet fuq l-imputat, liema artikolu jghid is-segwenti:

> "29. Meta dwar persuna misjuba hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza, il- prosekuzzjoni tiddikjara fil-process li dik il-persuna tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna jew lill-persuni li jkunu pprovdewlha l-medicina, jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-Pulizija, il-piena titnaqqas, dwar prigunerija, bi grad wiehed jew tnejn, u dwar piena pekunjarja, b'terz jew b'nofs."

L-ghajnuna li ta l-imputat lill-prosekuzzjoni tirrizulta minn bosta xhieda tal-prosekuzzjoni stess
fosthom ta' l-Ispettur Josric Mifsud a fol. 13 tal-process fejn qal: 'Fil-fatt kien hu li assista lill-pulizija u morna fuq il-post fejn elevajna zewg qsari ... " Dan il-fatt gie ikkonfermat minn bosta pulizija u surgenti li kienu nvoluti fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz kif jirrizulta mill-atti.

Illi ghalhekk l-elementi li titlob il-ligi fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn tikkonsidra tnaqqis ta' piena huma f'dan il-kaz ampjament pruvati mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess u ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u allura l-Qorti fl-imputazzjoni tal-piena kellha tiehu dan l-artikolu in konsiderazzjoni, haga li m'ghamlitx.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda biss l-erogazzjoni tal-piena min-naha tal-Ewwel Qorti. L-appellant qed jilmenta li l-Ewwel Qorti ma applikatx fil-konfront tieghu l-beneficcju moghti mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu riportat hawn fuq jispecifika li fil-process irid ikun hemm dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-akkuzat ikun ghin lill-pulizija biex taqbad persuna ohra. Fil-kaz in ezami ma hemm ebda dikjarazzjoni jew li l-akkuzat ghen lill-pulizija biex taqbad persuna ohra. Hemm indikat ukoll li persuna misjuba

hatja tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lill-pulizija. Fil-kaz in ezami l-fatt li l-appellant indika lill-pulizija l-ubikazzjoni ta' pjanti ma tista bl-ebda mod tigi kwalifikata li ghenet lill-pulizija. L-istorja kienet tkun differenti kieku l-appellant fl-ewwel seduta kien jammetti l-htija tieghu. Dan ma garax.
Illi l-piena li erogat l-Ewwel Qorti hi wahda konformi ma dan il-kaz u din il-Qorti ma ghandha xejn x'izzid.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' Mario Xuereb u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------